MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Numru. 46/2006

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

Vs

CARMEL sive CHARLES CAMILLERI ta' 43 sena, bin Saviour u Rita nee' Sultana, imwieled Kercem nhar it-3 ta' Mejju 1962 u residenti Ponderosa, Triq Santa Lucia, kercem, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 022862(G)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmel sivs Charles Camilleri li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. Fid-9 ta' Dicembru 2006 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghodu f'Ghawdex, ikkometta serq ta' diesel li l-ammont tieghu huwa aktar minn mitt lra maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Carmel grima mill-Kercem, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, lok, valur u persuna.
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dana sar Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal beix ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat illi l-ufficjal prosekutur irtira l-ewwel akkuza dwar is-serq.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuza ta' ricettazzjoni a tenur ta'l-artikolu 334 tal-Ligijiet ta' Malta migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi ghandu fedina penali kwazi netta u iddispjacih ghall-akkadut.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta'l-imputat u wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Carmel sive Charles Camilleri hati ta'l-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------